MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

## MAGISTRAT DR.
## JOSEPH A. APAP BOLOGNA

Seduta tal-5 ta' Mejju, 2003

Avvi$Z Numru. 743/1998/1

**Paul Abela**

**vs**

**Jane Sheehan**

Il-Qorti,

Rat l-avviz in esami li bih l-attur talab sabiex il-konvenuta tghid il-ghaliex ma ghandhiex tkun kundannata li tivvaka u tizgombra mill-fond dekontrollat 9 Viani Street, Sliema peress li qed tokkupah minghajr titolu validu fil-ligi.

Il-valur lokatizju tal-fond huwa ta’ Lm70.

Bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta’ Frar, 1998 kontra l-konvenuta li giet ingunta ghas-subizzjoni.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet tal-konvenuta (fol 6 tal-atti) li biha eccepiet:

1. Illi t-talba attrici hija infondata fil-fatt u fid-dritt u ghandha tigi michuda bl-ispejjes billi l-eccipjenti qieghdha tokkupa l-fond de quo permezz ta' titolu validu fil-ligi – kif jigi ppruvat ahjar waqt it-trattazzjoni tal-kawza.

Rat l-atti kollha tal-kawza inkluzi n-noti rispettivi tal-partijiet a fol 56 u 66 tal-atti.

Ikkunsidrat

Illi, kif jidher minn nota tal-eccezzjonijiet sottomessa mill-konvenuta', din kienet eccepiet li qed tokkupa l-fond in kwistjoni "permezz ta' titolu validu fil-ligi" minghajr ma spjegat x'kien dan it-titolu. Inoltre jidher mill-istess atti li l-konvenuta ma xehditx izda issottomiettiet dokumenti (fol 61 u 71 et seq ibid) kif ukoll ippresentat nota responsiva ghal dik presentata mill-attur, liema nota tinsab a fol 66 tal-istess atti. Minn din, jidher li t-titolu li qed tivvanta l-konvenuta hu basat biss fuq is-segwenti ossija "…. Billi il-pussess tal-fond jinsab f'idejn is-Segretarju tad-Djar u dana inforza tal-ordni ta' rekwizizzjoni numru "R.O. 50428". Jidher ghalhekk li dan hu l-"fact at issue" li ghandu jigi deciz in vista li l-konvenuta ma allegat ebda titolu iehor a basi tal-Kodici Civili jew taht dak li hu stipulat fil-Kapitoli 69 u 158 tal-Ligijiet ta' Malta (ara , ghal kull bon fini, dak sottomess mill-attur a fol 57 u a fol 58 tal-atti).

Ikkunsidrat

Illi, dan premess, fuq l-istess punt, gie prodott Joseph Buttigieg (fol 26 et seq ibid) in rappresentanza tad-Direttur tal-Akkomodazzjoni socjali. Dan beda' biex kategorikament eskluda li kien inhareg xi ordni ta' rekwizizzjoni skond il-ligi "in materia" u b'hekk hu stess qal li l-imsemmi post ma kienx rekwizizzjonat. Din l-informazzjoni inghatat mill-istess xhud a basi tal-"file" relattiv. Hu kompla jispjega, dejjem a basi ta' dan il-"file" illi l-istess post kien gie allokat lil Peter Sheehan mid-29 ta' Awissu 1988. Inoltre kien jidher ukoll li l-konvenuta

kienet giet allokata post iehor f'Ta' Giorni fl-10 ta' Gunju 1988.

Illi, mill-premess, jidher car u evidenti li ma kienetx inharget ordni ta' rekwizizzjoni skond il-ligi fuq il-post in kwistjoni. Konsegwentement, dan il-post ma' setax jigi allokat mill-Awtorita' kompetenti lil terza persuna u, b'hekk, il-konvenuta ma tistax issostni li qed tokkupa l-istess post a basi ta' ordni ta' rekwizizzjoni li qatt ma inharget.

Illi ma jidhirx li gie konstestat illi, filfatt il-post in kwistjoni hu dekontrollat u bhala konsegwenza l-istess post ma setax jkun soggett ghall ordni ta' rekwizizzjoni.

Illi, dan kollu premess, jidher li t–talba attrici ghandha tigi akkolta.

Illi, pero', jkun opportun li jinghad li effettivament, ordni ta' rekwizizzjoni ma jikkonferixxa ebda titolu lil minn qed jokkupa post soggett ghal din l-ordni sakemm ma tigix esegwita l-procedura kollu, kif stabbilita mill-ligi "in materia" ghar-rikonoxximent da parti tas-sid, tal-persuna involuta, bhala inkwilin ghal kull effett u fini fil-ligi (ara f'dan ir-rigward l-artikolu 8 tal-kapitoli 125 tal-Ligijiet ta' Malta).

Ghal dawn il-motivi, tilqa' t-talbiet attrici u tikkundanna lill-konvenuta sabiex tivvaka u tizgombra mill-fond dekontrollat 9, Triq Viani, Sliema u dan sal-hamsa (5) ta' Lulju 2003 bl-ispejjes inkluzi dawk tal-ittra ufficjali tat-12 ta' Frar 1998 kontra l-istess konvenuta.

--------------------------------TMIEM--------------------------------